Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,341, 8 ta' Novembru, 2024

Taqsima B

A.L. 299 tal-2024

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent flimkien mal-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, u wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 549.42.

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu, minnufih wara l-kliem "Kull persuna li żżomm għasfur" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew għasfur"; u

(b) fis-subregolament (10) tiegħu, minnufih wara t-tieni proviso tiegħu, għandhom jiġu miżjuda dawn il-provisos ġodda li ġejjin:

"Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, it-trasferiment ta' kwalunkwe għasfur jew għasfur li mhux tat-territorju Ewropew li jkun ġie ddikkjarat mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jew il-predeċessur tagħha sal-31 ta' Mejju 2003, li jkun ġie identifikat tassonomikament u mmarkat b'apparat ta' identifikazzjoni mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew il-predeċessur tagħha, jista' jsir wara li tiġi sottomessa formola ta' notifika tat-trasferiment maħruġa għal dan il-għan mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi:

Iżda wkoll wara li tiġi sottomessa l-formola ta' notifika tat-trasferiment tal-kampjun li jkun ġie identifikat tassonomikament u mmarkat b'apparat ta' identifikazzjoni

mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi jew il-predeċessur tagħha, it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, wara li tkun għamlet il-verifiki kollha meħtieġa, għandha toħroġ ċertifikat skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (6) u (7):".